MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Numru 431/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Vincent Galea**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Galea, bin Francis u Maria Antonia nee` Attard, imwieled fid-9 ta’ Dicembru 1953 u residenti fil-fond Maple Love, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 69953(G) fejn gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Jannar 2011 ghal habta bejn 20:00hrs u 21:00hrs bhala *licencee* tal-istabbiliment Ritz Snack Bar li jinsab fi Triq 2A, Triq Dun Karm Bomdi, Rabat, Ghawdex;

1. bhala persuna li fuq ismu ghandu l-licenzja biex jiggestixxi l-hanut Ritz Snack Bar biegh inbejjed, birra jew likori spirituzi lil-persuna/i li ghandha inqas minn sbatax-il sena;

2. kif ukoll ippermetta jew halla li f'dan il-hanut jidhlu jew joqoghdu jitnikkru fil-bieb tfal taht is-sbatax-il sena.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Ottubru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Vincent Galea mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu minnha imma sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputat Vincent Galea minnu prezentat fit-28 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikikonfermaha in kwantu huwa gie liberat mill-ewwel akkuzat dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni akkuza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija hekk dedotta kontra tieghu.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi id-depozizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti fil-qosor ta' dan il-kaz safejn relevanti ghall-appell odjern huma kif gej. L-appellant huwa detentur ta' licenzja tal-istabbiliment Ritz Snack Bar, 2A, Triq Dun Karl Bondi, Rabat, Ghawdex. Fit-22 ta' Jannar 2011 Shaun Attard stqarr lill-pulizija li flimkien mat-tfajla tieghu huwa kien fl-istabbiliment imsemmi fejn inqala' argument ma' haddiehor u sid l-istabbiliment keccihom 'l barra. Fis-seduta quddiem din il-Qorti tat-13 ta' Jannar 2012 id-difiza tal-imputat appellant u l-prosekuzzjoni qablu li l-imputat appellant huwa licenzjat dwar l-istabbiliment Ritz Snack Bar imsemmi fic-citazzjoni sabiex ibiegh imbejjed, birra u likori spirituzi sabiex jinxorbu fil-hanut imsemmi kif ukoll li fil-hanut fid-data u hinijiet indikati fic-citazzjoni kien hemm

prezenti persuni li kienu taht l-eta' ta' sbatax-il sena u cioe Shaun Attard. Dan irrizulta wkoll mix-xhieda prodotti quddiem din il-Qorti u cioe' mix-xiehda ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech, ta' Settembro Grech u ta' Shaun Attard. Mill-istess xhieda rrizulta wkoll li l-istabbiliment msemmi kien licenzjat sabiex idoqq "soft background music" izda ma kellu ebda licenza sabiex ihaddem artisti. Fil-fatt Settembro Grech u Shaun Attard xhedu li fid-data relevanti fil-hanut kienet qed tindaqq xi muzika izda din ma kienetx gejja minn xi *live band* izda kienet gejja minn xi diski jew xi radio jew CD.

**6.** L-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli jsostni li l-fatt addebitat lilu fit-tahrika ma jikkostitwixxix reat taht ir-regolament 18 tar-Regolamenti dwar Hwienet ghall-Bejgh ta' l-Inbid jew Likuri Spirituzi (Licenzi, Bonordni u Dicenza Pubblika), Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929. Huwa jsostni li l-istess regolament b'ebda mod ma jimponi fuqu xi obbligu li ma jhallix tfal taht l-eta' jidhlu fil-hanut jew stabbiliment tieghu jew li jzommhom milli jitnikkru fil-bieb ta' dak l-istabbiliment ghaliex dak ir-regolament japplika biss ghal bars jew lok iehor fejn ikun hemm impjegati nisa (fit-test Ingliz tar-regolament "*barmaids"*) jew artisti. Huwa jsostni li fir-regolament indikat il-frazi "fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti" tikkwalifika kemm il-frazi "jew lok iehor" kif ukoll lill-kelma "bars" u ghalhekk biex ir-regolament ikun applikabbli l-bar in kwistjoni jrid ikun bar "fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti" li ma kienx il-kaz tal-istabbiliment tal-imputat.

**7.** Il-Qorti taqbel mal-appellant li l-fatt li gie addebitat lilu ma hux reat taht ir-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 peress li l-bar jew lok iehor irid ikun wiehed "fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti"[1]. Ir-reat li jidher li seta jigi imputat lill-appellant mill-Pulizija huwa dak previst fir-regolament 6(1) tar-Regolamenti biex Jinzamm il-Bon Ordni f'Lokalitajiet ta' Divertiment", Avviz Legali 124 tas-sena 1995 kif emendat, li jipprovdi li "Persuni taht l-eta' ta' sbatax-il sena ma ghandhomx

[1] Ara App Krim Inf Pulizija v Louise Anne Faure, 30 ta' Lulju 2008; kif ukoll is-sentenza tal-istess Qorti fl-istess ismijiet tal-11 ta' Settembru 2008

jithallew jidhlu gewwa lokalita' ta' divertiment" u "post ta' divertiment" hu mfisser fl-istess regolamenti, regolament 2, bhala li "tinkludi kull fond iehor licenzjat ghall-bejgh ta' inbid, birra u likwidi alkoholici". Izda kuntarjament ghal dak li ddecidiet din il-Qorti f'cirkostanzi li jixbhu dawk odjerni[2], fil-kaz odjern din il-Qorti ma hix tal-fehma li mit-tahrika tal-Pulizija hemm bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li l-appellant gie fil-fatt imputat bir-reat taht ir-regolament 6(1) tal-Avviz Legali 124 tal-1995. Ir-regolament 6(1) imsemmi abbinat mar-regolament 2 tieghu jippostula, safejn relevanti ghall-kaz odjern, fond licenzjat ghall-bejgh ta' inbid, birra u likwidi alkoholici izda fit-tahrika mkien ma jinghad li l-istabbiliment in kwistjoni huwa licenzjat bhala tali minkejja li d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu li l-istabbiliment imsemmi hu hekk licenzjat. Inoltre, fit-tahrika jintuzaw il-kliem "hallejt li f'dan il-hanut jidhlu jew joqghodu jitnikkru fil-bieb" li jirrispekkjaw fedelment dak previst fir-regolament 18 tan-NG 392/1929 b'riferenza ghal bar fejn jipprovdi "Ebda persuna li jkollha licenza taht dawn ir-Regolamenti  ma ghandha thalli persuna taht is-sbatax-il sena li jidhlu jew jitnikkru fil-bieb ta' ebda bar…"; mentri l-istess kliem ma jinstabx fir-regolament 6(1) tal-A.L. 124/1995. Ghalhekk din il-Qorti ma hix tal-fehema li tista' tikkonkludi li quddiem l-ewwel Qorti l-imputat kien imputat bir-reat fir-regolament 6(1) tal-A.L. 124/1995 u li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ccitat ir-regolament 18 tan-N.G. 392/1929 u li konsegwentement kienet nulla s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz partikolari, ghalhekk, din il-Qorti jkollha tikkonkludi li l-imputat gie imputat bir-reat taht ir-regolament 18 tan-N.G. 392/1929 li l-elementi tieghu izda ma gewx pruvati skont il-ligi.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fejn sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€ 233) u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tilliberah minn kull htija u piena.

---

[2] Ara fost ohrajn Appelli Krim Inf Pulizija v Francis Mallia, 2 ta' Frar 2007, Pulizija v Joseph Galea, 11 ta' Frar 2009, Pulizija v Louise Anne Faure, supra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------